Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

PUBLIC

Brussell, 18 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

14883/19
ADD 1
LIMITE
PV CONS 67
TRANS 574
TELECOM 379
ENER 536

# ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija)

2, 3 u 4 ta' Diċembru 2019

**WERREJ**

**Paġna**

TRASPORT

**Affarijiet oħra**

7. c) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss ..... 3

d) Bastimenti eżistenti żgħar għan-navigazzjoni interna b'rabta mad-dispożizzjonijiet tranżitorji tar-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni ..... 3

TELEKOMUNIKAZZJONI

**Affarijiet oħra**

11. d) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss ..... 3

ENERĠIJA

**Affarijiet oħra**

16. a) Taħdidiet trilaterali dwar il-gass u l-perspettiva tax-xitwa għas-sigurtà tal-provvista tal-gass ..... 3

e) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss ..... 4

f) Il-passi li jmiss dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza nukleari deskritti fir-rapport ta' evalwazzjoni bejn il-pari tal-UE dwar it-"test tal-istress" tal-NPP tal-Belarussja ..... 4

g) Attivitajiet illegali reċenti Torok fil-Baħar Mediterran ..... 4

***

**LAQGĦA TAT-TNEJN 2 TA' DIĊEMBRU 2019**

TRASPORT

**Affarijiet oħra**

**7. c) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss** 14472/19
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Kroata*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mid-delegazzjoni Kroata.

**d) Bastimenti eżistenti żgħar għan-navigazzjoni interna b'rabta mad-dispożizzjonijiet tranżitorji tar-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni** 14686/19
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Netherlandiża*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni mogħtija mid-delegazzjoni Netherlandiża.

**LAQGĦA TAT-TLIETA 3 TA' DIĊEMBRU 2019**

TELEKOMUNIKAZZJONI

**Affarijiet oħra**

**11. d) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss** 14281/19
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Kroata*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza li jmiss.

**LAQGĦA TAL-ERBGĦA 4 TA' DIĊEMBRU 2019**

ENERĠIJA

**Affarijiet oħra**

**16. a) Taħdidiet trilaterali dwar il-gass u l-perspettiva tax-xitwa għas-sigurtà tal-provvista tal-gass** 14227/19
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni spjegat li t-taħditiet trilaterali (UE-Russja-Ukrajna) dwar is-sejba ta' mezzi għal tranżitu ta' gass kontinwu permezz tal-Ukrajna u soluzzjoni amikevoli bejn Naftogas u Gazprom għadhom għaddejjin. Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

e) **Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss** 14236/19
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Kroata*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza li jmiss.

f) **Il-passi li jmiss dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet dwar is-sikurezza nukleari deskritti fir-rapport ta' evalwazzjoni bejn il-pari tal-UE dwar it-"test tal-istress" tal-NPP tal-Belarussja** 14761/19
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Litwana*

Il-Litwanja talbet lill-Kummissjoni biex b'mod urġenti tistieden lill-Belarussja biex: 1) titlob evalwazzjoni bejn il-pari tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali tagħhom; u 2) timplimenta rakkomandazzjonijiet kritiċi dwar is-sikurezza qabel l-ikkummissjonar tal-Impjant tal-Enerġija Nukleari tagħhom. Barra minn hekk, il-Litwanja stiednet lill-Kummissjoni biex tissorvelja b'attenzjoni l-implimentazzjoni tar-reviżjoni bejn il-pari tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali Belarussu. Xi Stati Membri intervenew biex jappoġġaw il-motiv. Il-Kummissjoni kkonfermat l-involviment tagħha - flimkien ma' ENTEREG - biex issegwi din il-kwistjoni u infurmat lill-Ministri li ntbagħtet ittra konġunta COM/ENSEREG lir-Regolatur Belarussu biex tintalab żjara fuq il-post.

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Litwana.

g) **Attivitajiet illegali reċenti Torok fil-Baħar Mediterran**
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Griega*

Il-Greċja infurmat lill-Ministri dwar l-iffirmar reċenti ta' Memorandum ta' Qbil bejn it-Turkija u l-Libja dwar id-delinjament ta' żoni marittimi bejn iż-żewġ pajjiżi. Dan il-MtQ jista' jinterferixxi mas-sovranità Griega u l-aċċess għal uħud mill-gżejjer tiegħu. Ċipru ħa l-opportunità biex ifakkar lill-Ministri dwar is-sitwazzjoni reċenti fl-ilmijiet territorjali tiegħu. Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Griega.